# Minuti

## Seduta Nru. 35/2013

Data: L-Erbgħa, 3 t'April 2013

Ħin: 5:30pm

Post: Kunsill Lokali L-Imsida, Pjazza Menqa L-Imsida

---

Preżenti: Mary Rose Mifsud – *Chairperson*
Jane (Yvonne) Spiteri – *Membru*
Rudolph Cini – *Membru*
Catherine Mangion – *Membru*
Margaret Baldacchino Cefai – *Sindku tal-Imsida*
Christopher Galea – *Aġent Segretarju Eżekuttiv*

Skużati: John Mary Zahra (Jimmy) – *Membru*

❖ Ħadd m'attenda minn naħa tal-Kunsill Lokali ta' Birkirkara.

---

## AĠENDA

1. Talba;
2. Qari, Korrezzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;
3. Punti Mqajma mill-Minuti;
4. Korrispondenza;
5. Aġenda u data għall-Laqgħa Pubblika;
6. Aġenda u data għall-Laqgħa mas-Sindki tal-Kunsilli Lokali ta' Birkirkara u tal-Imsida wara l-elezzjoni tad-9 ta' Marzu 2013;
7. Mistoqsijiet mill-Membri tal-Kumitat;
8. Komunikazzjoni miċ-*Chairperson;*
9. Għeluq u Aġġornament.

---

## Kontenut

Annex A Minuti 35/2013

Annex B Tabella ta' Deċiżjonijiet li ttieħdu waqt is-seduta li jirrikjedu Azzjoni

**Minuti 35/2013**

## 1. Talba

**1.1** Il-laqgħa bdiet fis-5:30pm billi ntqalet it-talba miċ-*Chairperson*. Din il-laqgħa kienet pjanata li ssir fis-26 ta' Marzu 2013 iżda minħabba impenji ta' xogħol li kellu l-Aġent Segretarju Eżekuttiv, il-Kumitat qabel unanimament li l-laqgħa ssir illum, 3 t'April 2013.

## 2. Qari, Korrezzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

**2.1** Il-Minuti tas-Seduta 34/2013 kienu tqassmu qabel, ittieħdu bħala moqrija, ma kienx hemm korrezzjonijiet u ġew approvati unanimament mill-Kumitat.

## 3. Punti Mqajma mill-Minuti

**3.1** **Fuq punt 3.1 –** Iċ-*Chairperson* qalet li rigward il-problema tat-traffiku fejn is-St Martins College, ser tressaqha quddiem il-Kunsill tal-Imsida.

*Traffiku fit-Triq tas-St Martins College.*

**3.2** **Fuq Punt 3.3 –** Is-Sa Catherine Mangion issuġġeriet li ssir lock tipo ta' *harness* peress li diġa rat bħala mwaħħla f'gates oħra simili. L-Aġent Segretarju Eżekuttiv ikkomunika lill-Kumitat li l-ġimgħa d-dieħla s-supplier ser jirranġa l-gate skont kif riedha l-Kumitat.

*Gate fil-Bandli tas-Swatar*

**3.3** **Fuq Punt 3.4 –** Il-Kumitat iddeċieda li qabel ma jinħarġu l-fuljetti u l-applikazzjonijiet, il-Kumitat jiltaqa' mal-persuna li ser tagħmel il-korsijiet sabiex jiġu ppjanati d-dettalji kollha ta' kif ser ikun il-kors.

*Korsijiet tal-Crafts*

**3.4** **Fuq Punt 3.7 –** L-Aġent Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kumitat li dwar il-printing tal-istickers, kif jirċievi l-kwotazzjonijiet kollha ser jgħaddi għal ordni tagħhom.

*Ipparkjar quddiem il-garaxxijiet tar-residenti.*

## 4. Korrispondenza

**4.1** L-Aġent Segretarju Eżekuttiv qara imejl mingħand resident fejn qed jilmenta l-inkonvenjent li ser jinħoloq jekk l-ewwel parti ta' Triq Balliju Guttinburg tiġi one way. Il-Kumitat iddiskuta u nnota wkoll li kien iddeċieda li ssir one way minħabba periklu ta' żlieq. Il-Kumitat imbagħad iddeċieda li din il-parti tat-triq tagħmel aktar sens tiġi *grooved* u xorta jitneħħa l-periklu.

*Triq Balliju Guttinberg*

**4.2** Il-Kumitat iddiskuta ilment ieħor fejn iddeċieda li fi Triq Ġużeppi Calleja fejn hemm in-No Entry Sign teħel oħra ma' wara tal-istop sign minħabba li b'tabella waħda ma kienx jidher ċar li ma tistax tgħaddi minn dik in-naħa.

*Triq Ġużeppi Calleja*

**4.3** Il-Kumitat iddiskuta l-ittra li ser tintbgħat lir-residenti u ddeċieda li l-Aġent Segretarju Eżekuttiv jemenda din l-ittra u jiċċirkolaha bejn il-membri qabel ma tintbgħat lill-Kunsilli biex din titqassam.

*Ittra lir-Residenti dwar Traffic Management.*

## 5. Aġenda u data għall-Laqgħa Pubblika

**5.1** Il-Kumitat iddeċieda li l-laqgħa pubblika issir aktar tard wara li l-Kumitat ikun iltaqa' mas-Sindki 'l ġodda taż-żewġ Kunsilli Lokali rispettivi.

## 6. Aġenda u data għall-Laqgħa mas-Sindki tal-Kunsilli Lokali ta' Birkirkara u tal-Imsida wara l-elezzjoni tad-9 ta' Marzu 2013

**6.1** Il-Kumitat ħejja l-aġendi fuq il-materji li jridu jiġu diskussi mas-Sindki tal-Kunsilli Lokali rispettivi. Id-dati tal-laqgħat jiġu miftehma maċ-*Chairperson* tal-Kumitat.

*Aġenda Sindku L-Imsida*

6.1.1 Aġenda tal-laqgħa mas-Sindku tal-Imsida:

1. Bandli tas-Swatar;
2. Traffiku quddiem St Martins College;
3. Skart (skips);
4. Faċċata tal-Universita';
5. Is-Swatar bħala Kunsill;
6. Residential Parking fis-Swatar.

*Aġenda Sindku Birkirkara*

6.1.2 Aġenda tal-laqgħa mas-Sindku ta' Birkirkara:

1. Proġett tat-Taraġ ta' Valley Road;
2. Proġett tal-Għalqa tas-Sisla;
3. Tabelli tar-Riklami fis-Swatar;
4. Bollards (U Bars) tar-Riklami;
5. Garaxx fis-Swatar biex jintuża mill-Kumitat;
6. Is-Swatar bħala Kunsill;
7. Residential Parking fis-Swatar.

## 7. Mistoqsijiet mill-Membri tal-Kumitat

*Tabelli tal-ħmieġ tal-Klieb*

**7.1** Is-Sa Spiteri proponiet li jitwaħħlu tabelli biex ma jitħallewx ħmieġ tal-klieb fi Triq Indri Grima u Triq is-Swatar kif ukoll jiġu installati bins tal-klieb. Il-Kumitat qabel.

## 8. Komunikazzjoni miċ-*Chairperson*

*Mera fi Triq Paul Borg Olivier.*

**8.1** Iċ-*Chairperson* proponiet li għandha teħel mera fi Triq Paul Borg Olivier li tħares lejn Pjazza l-Eroj biex jitnaqqsu l-inċidenti. Il-Kumitat qabel.

## 9. Għeluq u Aġġornament.

**9.1** Il-laqgħa spiċċat fis-7:30pm. Il-Kumitat unanimament qabel li l-laqgħa għandha tiġi aġġornata għal nhar il-Ġimgħa, 3 ta' Mejju 2013, fil-5:30pm ġewwa l-Kunsill Lokali ta' Birkirkara.

____________________ ____________________

*Chairperson*, KAS Aġent Segretarju, KAS

____________________

Data

## Annex B

# Tabella ta' Deċiżjonijiet li jirrikjedu Azzjoni

| Ref. | Suġġett | Entita' / Persuna Responsabbli |
|---|---|---|
| **3.1** | *Traffiku fit-Triq tas-St Martins College.* | *Chairperson* |
| **3.2** | *Bandli tas-Swatar* | Aġent Segretarju Eżekuttiv |
| **3.3** | *Korsijiet tal-Crafts* | *Chairperson* |
| **3.7** | *Ipparkjar quddiem il-garaxxijiet tar-residenti* | Aġent Segretarju Eżekuttiv |
| **4.1** | *Triq Balliju Guttinberg* | Aġent Segretarju Eżekuttiv |
| **4.2** | *Triq Ġużeppi Calleja* | Aġent Segretarju Eżekuttiv |
| **4.3** | *Ittra lir-Residenti dwar Traffic Management.* | Aġent Segretarju Eżekuttiv |
| **6.1.1** | *Aġenda Sindku L-Imsida* | Aġent Segretarju Eżekuttiv |
| **6.1.2** | *Aġenda Sindku Birkirkara* | Aġent Segretarju Eżekuttiv |
| **7.1** | *Tabelli tal-ħmieġ tal-Klieb* | Aġent Segretarju Eżekuttiv |
| **8.1** | *Mera fi Triq Paul Borg Olivier.* | Aġent Segretarju Eżekuttiv |